# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 23 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 6**

**Rikors numru 20/2022/1 BS**

**Drissia el Bazza**

**v.**

**Hamid Msaikek**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attriċi Drissia El Bazza kontra sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni tal-Familja) fit-30 ta' Marzu, 2023, li ċaħdet it-talba tagħha sabiex iż-żwieġ tagħha mal-konvenut Hamid Msaikek jiġi ddikjarat bħala null u bla effett fil-liġi.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tas-6 ta' Lulju, 2022, l-attriċi fissret li hija żżewġet lill-konvenut ġewwa Kenitra fil-Marokk nhar l-4 ta' Awwissu, 2014 u minn dan iż-żwieġ twieled tifel wieħed fil-31 ta' Awwissu, 2016. Dan iż-żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta. Tgħid li dan iż-żwieġ ma jiswiex u għandu jiġi ddikjarat bħala null għaliex il-kunsens tagħha ġie miksub b'qerq mill-konvenut peress li huwa qatt ma kien interessat li jassumi d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-ħajja miżżewġa imma ried biss li jiżżewwiġha bħala mezz biex jikseb iċ-ċittadinanza Maltija. Iżżid ukoll li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha. Kemm hu hekk, hija ssostni li l-konvenut qatt ma fehem u apprezza d-drittijiet reċiproċi tal-ħajja miżżewġa, qatt ma stabbilixxa komunikazzjoni magħha u hekk kif kiseb iċ-ċittadinanza Maltija huwa abbandunaha, kif sejra tipprova dettaljatament waqt il-kawża. Minħabba f'hekk hija talbet lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«Tiddikjara ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti null u bla effett fil-liġi għar-raġunijiet fuq premessi.*
>
> *Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa jinsab inġunt.»*

3. B'digriet mogħti fis-seduta tat-8 ta' Frar, 2023, l-Ewwel Qorti ddikjarat li għalaq it-terminu tal-konvenut biex jista' jressaq ir-risposta

maħlufa tiegħu. Għalhekk il-konvenut tqiegħed fi stat ta' kontumaċja.

4. B'sentenza mogħtija fit-30 ta' Marzu, 2023, l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba attriċi biex tannulla ż-żwieġ għar-raġunijiet li fissrithom hekk:

> *«Permezz ta' din il-kawża l-attriċi qed titlob lill-Qorti tiddikjara ż-żwieġ tagħha mall-konvenut bħala null. Tgħid illi żżewġet lill-konvenut fl-4 ta' Awwissu, 2014 u li dan iż-żwieġ ġie debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 2211/2016. Tgħid ukoll li minn dan iż-żwieġ twieled tifel fil-31 ta' Awwissu, 2016.*
>
> *Tgħid li ż-żwieġ għandu jiġi ddikjarat null billi l-konvenut qatt ma kellu l-intenzjoni illi jassumi d-dmirijiet u obbligi ta' miżżewweġ u ta' missier iżda t-tir tiegħu kien li jikseb iċ-ċittadinanza Maltija. Tant hu hekk illi malli akkwista ċ-ċittadinanza Maltija huwa abbanduna lill-attriċi.*
>
> *Il-Qorti fliet l-affidavit tal-attriċi fejn din fil-qosor tgħid illi l-intenzjoni tal-konvenut ma kinitx li jgħix ħajtu fiż-żwieġ u jkun il-missier ta' ibnu iżda biss li jikseb iċ-ċittadinanza Maltija. Tgħid li meta ltaqgħet mal-konvenut kienet il-Marokk. Dak iż-żmien kienet għadha miżżewwġa u għalhekk ir-relazzjoni bejniethom kienet ta' ħbieb.*
>
> *Tgħid li żżewwġet lill-konvenut madwar sena wara li kienet iltaqgħet miegħu, u wara li romlot. Tgħid ukoll li lill-konvenut kienet infurmatu li kienet tgħix Malta u li Malta tagħmel parti mill-Ewropa. Tkompli tgħid li huwa mill-ewwel qalilha li ried jiżżewweġ u jibni familja u kien għalhekk illi hija żżewġitu. Iż-żwieġ seħħ il-Marokk u meta ġiet lura Malta rreġistrat iż-żwieġ tagħha fir-Reġistru Pubbliku.*
>
> *Tgħid illi malli rreġistrat iż-żwieġ hi bagħtitlu d-dokumenti l-Marokk u huwa applika għal Visa biex ikun jista' jiġi Malta. Ġie Malta u applika għal permess tax-xogħol ta' ħames snin. Tgħid li malli ġab iċ-ċittadinanza Maltija r-relazzjoni tagħhom spiċċat.*
>
> *Tispjega li anke r-relazzjoni ma' ibnu mhix waħda kostanti għax jara lil ibnu x'ħin ifettillu. Tisħaq illi il-konvenut abbanduna lilha u lil binha għax ħa li ried minnha jiġifieri kiseb iċ-ċittadinanza Maltija.*
>
> ***Ikkunsidrat**.*
>
> *Il-Qorti tibda biex tissenjala illi għalkemm il-konvenut ma ppreżenta l-ebda risposta ġuramentata dan m'għandux jittieħed illi l-Qorti m'għandhiex teżamina l-meritu tat-talbiet attriċi sabiex tistabilixxi jekk jissussistux jew le l-kawżali ta' annullament mogħtija minnha, u dan peress illi fir-rigward taż-żwieġ teżisti preżunzjoni ta' validità.*

*Tant hu hekk illi ġie ddikjarat li: «......ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti tal-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u ċjoè li ż-żwieġ huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega. Fir-rigward taż-żwieġ teżisti preżunzjoni ta' validità illi tesiġi li ż-żwieġ m'għandux jiġi ddikjarat li huwa invalidu, jekk ma jitressqux, għas-sodisfazzjon pjena tal-Qorti, provi ċari u konkreti li jeżistu raġunijiet gravi u serji u eċċezzjonali skont kif trid il-Liġi, li jiġġustifikaw talba għan-nullità» (**Joseph Zammit v. Bernardette Zammit**, Prim'Awla (recte: Qorti tal-Appell deċiża fis-27 ta' Jannar 2006).*

*Ingħad ukoll li: «ż-żwieġ huwa istitut tal-ordni pubbliku u bħala tali għandu jgawdi minn dawk is-salvagwardji li jixraqlu u li huma neċessarji biex jiggarantixxu l-importanza u s-solennità li dan l-istitut għandu fis-soċjetà» (**L-Avukat A B noe v. E D**, Prim'Awla, deċiża fil-31 ta' Jannar 2018).*

*Għal dawn ir-raġunijiet, il-kuntratt taż-żwieġ mhux regolat bid-dispożizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-kuntratti u li jinsabu fil-Kodiċi Ċivili, iżda huwa kuntratt sui generis u huwa regolat b'lex specialis taħt il-Kap. 255. Taħt dan il-Kap insibu r-raġunijiet li minħabba fihom żwieġ jista' jiġi ddikjarat li huwa mingħajr effett. Inoltre, teżisti a favur iż-żwieġ preżunzjoni ta' validità illi tesiġi li ż-żwieġ m'għandux jiġi dikjarat li huwa invalidu, jekk ma jitressqux għas-sodisfazzjon pjen tal-Qorti, provi ċari u konkreti li jeżistu raġunijiet gravi u serji u eċċezzjonali skont kif trid il-Liġi, li jiġġustifikaw talba għan-nullità. Dan ifisser illi n-nullità taż-żwieġ hija meqjusa l-eċċezzjoni għar-regola ta' validità u konsegwentement, kull talba biex żwieġ jiġi ddikjarat li qatt ma kien, għandha titqies b'ċirkospezzjoni filwaqt li tingħata wkoll interpretazzjoni ristrettiva.*

*F'dan l-istadju għalhekk imiss għal din il-Qorti illi tevalwa l-provi mressqa mill-attriċi u dan fid-dawl tat-talba tagħha.*

*Minn qari akkurat tar-rikors ġuramentat jirriżulta li għalkemm l-attriċi fir-rikors tagħha ma tidentifikax liema hu l-Artikolu tal-liġi li fuqu qed tibbaża t-talba tagħha minn qari tal-premessi l-Qorti tqis illi l-kawża li għandha quddiema l-Qorti hija waħda msejsa fuq dak ipprovdut fl-Artikoli 19(1) (d) u(f) tal-Att dwar iż-Żwieġ.*

***Artikolu 19(1)(d) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi s-segwenti:*

> *«B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null:*
>
> *omissis*
>
> *(d) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-*

> *dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.»*

*Hawnhekk il-leġislatur ma riedx ifisser li kwalsiasi stat ta' immaturità li xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku tammonta għal difett serju ta' ġudizzju. Mill-banda l-oħra lanqas ma jfisser li min kull min jagħti l-kunsens fiż-żwieġ irid jkollu maturità sħiħa u perfett għax altrimenti l-ebda żwieġ ma jkun validu.*

*Din il-Qorti tqis għalhekk, li biex kunsens jkun validu hemm bżonn tal-partijiet ikollha għarfien ta' dak kollu li jkunu deħlin għalih jiġifieri kull parti għandha tkun taf x'inhuma l-obbligi u d-dmirijiet tagħha kemm fil-mument li jkun qed jingħata l-kunsens kif ukoll fil-futur. Irid jkun hemm ukoll l-impenn tal-partijiet li r-relazzjoni tikber bl-involviment pożittiv taż-żewġ naħat.*

*Barra minn hekk huwa meħtieġ ukoll li l-partijiet irid ikollhom dik il-maturità affettiva lejn xulxin. Jekk xi waħda minn dawn l-elementi tkun nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju kif rikjest mil-liġi.*

*Il-Qorti tosserva u dan minn qari ta' ġurisprudenza nostrana illi l-kunsens mogħti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens sempliċi rikjest fil-kuntratt in ġenerali għaliex il-kuntratt taż-żwieġ huwa wieħed sui generis u ta' ordni pubbliku. Dan ifisser li l-partijiet f'kuntratt ta' żwieġ mhux biss irid ikollhom il-kapaċità li jagħtu dak il-kunsens, iżda li tali kunsens jkun mogħti bl-aktar mod ħieles u bl-għarfien ta' dak kollu li huwa rikjest mill-parti fiż-żwieġ.*

*...*

*Kif ġia ngħad it-talba tal-attriċi hija wkoll imsejsa fuq dak ipprovdut fl-Artikolu 19(1)(f) li jipprovdi illi ż-żwieġ hu null: « jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.»*

*Biex tiġi milqugħa talba għal dikjarazzjoni ta' nullità taż-żwieġ taħt dan il-paragrafu l-attriċi trid tipprova li l-konvenut huwa ħati tas-simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tiegħu. Dan ifisser illi hija trid iġġib provi suffiċjenti li juru li l-konvenut minkejja li kien kapaċi jagħti kunsens validu għaż-żwieġ, però bl-atti tiegħu qabel u fil-ħajja miżżewġa, jew bl-ommissjoni tiegħu, eskluda minn qabel ċertu obbligi bażiċi. Din l-esklużjoni tista' tkun totali – fejn l-elementi taż-żwieġ jiġu kollha esklużi jew inkella jkun esklużi biss uħud mill-elementi u f'dak il-każ jkun hemm simulazzjoni parzjali (**Sharon Lanzon v. Francis Attard**, Prim'Awla, deċiża nhar il-15 ta' Marzu 2000).*

*Tant hu hekk illi ġie anke deċiż illi: «ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-għoti tal-kunsens matrimonjali parti jew oħra (jew it-tnejn) esternament turi li qed tagħti l-kunsens matrimonjali iżda internament u b'att pożittiv tal-volontà tagħha tkun qed tiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pożittiv tal-volontà, tkun qed teskludi xi element jew proprjetà essenzjali għaż-żwieġ (simulazzjoni parzjali)» (**Alfred Tonna v. Maria Tonna**, Prim Awla, deċiża fil-31 ta' Jannar 1996).*

*Kif ġa ngħad aktar qabel biex l-azzjoni attriċi tirnexxi taħt dan il-paragrafu l-attriċi trid iġġib il-prova li ż-żwieġ falla minħabba l-fatt li l-konvenut minn qabel ma ta l-kunsens tiegħu huwa kien diġà mentalment dispost li ma jaqdix wieħed jew kull obbligu matrimonjali. Dan il-prova hija waħda kruċjali billi f'tali ċirkostanza biss jista' jiġi konkluż illi hemm bażi legali għall-estremi tal-annullament.*

*Mill-banda l-oħra, f'każ li mill-provi jirriżulta li ż-żwieġ falla minħabba ċirkostanzi li rriżultaw waqt iż-żwieġ, hawnhekk f'dak il-każ ma jkunx hemm lok għal annullament iżda għal separazzjoni personali bejn il-partijiet (**Ali Chahid v. Mary Spiteri**, Prim'Awla, deċiża fil-5 ta' Ġunju 2002).*

*Il-Qorti ser tgħaddi issa biex tevalwa l-frażi li tinsab fil-Paragrafu (f) ċitat supra u ċjoè l-«esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu» jew aħjar is-simulazzjoni totali - colorem habens, substantiam vero nullam.*

*Biex il-Qorti tasal għall-konklużjoni li kien hemm tassew simulazzjoni totali, trid tkun sodisfatta illi l-finis operis taż-żwieġ ġie effettivament eskluż mir-rieda ta' dik il-parti attakkata u dan minkejja li formalment iż-żwieġ ikun ġie ċċelebrat. Ikun hemm simulazzjoni totali wkoll, meta il-parti konċernata, għalkemm preżenti għaċ-ċerimonja formali taż-żwieġ, tkun mentalment biddlet l-ideat tagħha dwar x'jikkostitwixxi iż-żwieġ jew tkun addirittura eskludiet kompletament il-kunċett taż-żwieġ, u allura jkun hemm disparità bejn l-atti manifestati esterni u l-ħsibijiet interni.*

*Il-Qorti ser tqis issa it-tieni parti tal-paragrafu (f) li jittratta is-simulazzjoni parzjali, deskritta bil-frażi «esklużjoni pożittiva ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa.» Hawnhekk il-parti kkonċernata ma tkunx qiegħda internament u volontarjament tiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ fit-totalità tiegħu, iżda tkun qiegħda teskludi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali għal ħajja matrimonjali.*

*F'dan l-istadju l-Qorti tirrileva li għalkemm l-Att dwar iż-Żwieġ ma jidentifikax liema huma l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, madankollu minn qari tal-ġurisprudenza wieħed jista' jintralċja liema huma dawn l-obbligi. Infatti ġie stabbilit li fil-ħajja miżżewġa: «.....l-indissolubbiltà tar-rabta taż-żwieġ, id-dritt għall-fedeltà u d-dritt għall-prokreazzjoni tal-ulied» huma element essenzjali taż-żwieġ (**Abdel***

***Wahed v. Dr. Yana C Stafrace et noe**, Prim Awla, deċiża fl-14 ta' Lulju, 1994).*

*Minbarra l-elementi imsemmija ġew identifikati elementi oħra fosthom: «....l-permanenza taż-żwieġ, u fuq kollox il-benessere reċiproku bejn il-miżżewġin, u ċjoè, dawk l-obbligazzjonijiet li mingħajrhom unjoni intima bejn il-konjuġi fl-aspetti kollha tagħha ma tistax isseħħ» (**Charles Demicoli v. Anne Demicoli**, Prim Awla, deċiża fis-7 ta' Ottubru 2003). Dan ifisser illi: «jekk xi waħda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapaċità kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iż-żwieġ li jiġi hekk kreat ma jistax ikun wieħed validu....Teżisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss waħda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jiġi stabbilit iż-żwieġ bħal per eżempju, l-esklużjoni tal-prokreazzjoni u trobbija tal-ulied, jew l-esklużjoni tal-obbligu tal-fedeltà lejn il-parti l-oħra» (**Atkins Charles v. Atkins Matilde**, Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), deċiża fit-2 ta' Ottubru 2003).*

*Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji u insenjamenti ġudizzjarji l-Qorti issa ser tgħaddi sabiex tevalwa l-provi mressqa quddiemha. Tibda biex tisħaq illi: «F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn m'aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbiltà ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat però dan m'għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawża li għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju» (**Anna Tonna v. Alexander Tonna**, Qorti tal-Appell, deċiża fis-6 ta' Novembru 1991).*

*Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-attriċi ppreżentat biss bħala prova l-affidavit tagħha li hija il-verżjoni tal-fatti min-naħa tagħha biss. Min-naħa l-oħra l-konvenut, li ġie notifikat bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni, ma ppreżenta l-ebda risposta biex jikkontradixxi l-verżjoni tal-attriċi u għalhekk il-Qorti m'għandha l-ebda prova oħra li titfa' dawl fuq il-kwistjonijiet imqajma mill-attriċi u li fuqhom qed tibbaża t-talba tagħha.*

*Quddiemha din il-Qorti għandha biss il-qanpiena tal-attriċi. Hija tgħid li l-konvenut għamel minn kollox biex jiżżewwġu u li t-tir tiegħu kien biss biex jikseb iċ-ċittadinanza Maltija. Tgħid ukoll li l-konvenut jara lil ibnu kull meta jfettillu u jogħġob lilu. Il-Qorti iżda tosserva għal darboħra li provi oħra li jsaħħu l-verżjoni mogħtija mill-attriċi ma ġewx imressqa quddiem din il-Qorti li fl-aħħar mill-aħħar għandha l-obbligu li tifli l-provi kollha bir-reqqa sabiex tassigura li t-talba mressqa hija tassew mistħoqqa. Din il-Qorti terġa' ttenni li fl-atti m'hemm l-ebda xrara ta' prova oġġettiva, iżda biss il-fatti mill-lenti tal-attriċi.*

*Kif diġà osservat aktar qabel it-talba tal-attriċi għall-annullament taż-żwieġ hija mibnija fuq il-paragrafi (d) u (f) tas-subinċiż (1) tal-Artikolu 19 tal-Att Dwar iż-Żwieġ. Id-differenza bejn dak ipprovdut f'paragrafu (d) u paragrafu (f) hija sottili ferm ċjoè taħt il-paragrafu (d) il-konvenut huwa ritenut li ma fehemx x'inhuwa mistenni minnu bħala obbligi matrimonjali, mentri fil-paragrafu (f) il-konvenut huwa ritenut li kien konxju tal-obbligi tiegħu fiż-żwieġ iżda għażel li jeskludi xi wieħed minn dawk obbligi. A skans ta' repetizzjoni inutili huwa paċifikament aċċettat illi l-iprem element fiż-żwieġ huwa d-dritt tal-miżżewġin għall-komunjoni tal-ħajja bejniethom ('communio vitæ').*

*Mill-provi akkwiżiti jirriżulta li l-partijiet għexu flimkien, kellhom rapporti intimi tant li twieled tifel, u ma jirriżultax li kien hemm xi problema ta' fedeltà.*

*Din il-Qorti xtarret sew l-atti u hija tal-fehma illi għalkemm l-attriċi ppreżentat l-affidavit da parti tagħha, il-fatti hemm iddikjarati ma ġewx korroborati bl-ebda mod. Din il-Qorti hija tal-fehma illi f'kawża ta' annullament il-provi mressqa mill-attriċi mhumiex biżżejjed. Huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza nostrana li min jallega jrid jipprova u mhuwiex permessibbli li wieħed jivvanta l-pretensjonijiet tiegħu mingħajr ma jressaq il-provi sal-grad rikjest mil-liġi sabiex jistabbillixxi li dak li qiegħed jallega huwa fil-fatt minnu. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet attriċi.»*

5. L-attriċi appellat minn din is-sentenza b'rikors imressaq fid-19 ta' April, 2023 fejn talbet biex din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata u biex minflok tilqa' t-talba tagħha biex jiġi annullat iż-żwieġ mal-konvenut. L-aggravju waħdieni tagħha huwa msejjes fuq l-argument li fl-atti tal-kawża m'hemm xejn xi jmeri l-affidavit tagħha u għalhekk ladarba l-konvenut kien kontumaċi u ma ressaqx provi, l-Ewwel Qorti messha qagħdet fuq dak li ġie ddikjarat minnha.

6. Il-konvenut ressaq tweġiba għall-appell tal-attriċi fil-15 ta' Settembru, 2023, u hemmhekk huwa ta r-raġunijiet tiegħu għalfejn huwa jemmen li l-appell tal-attriċi għandu jiġi miċħud.

7. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

8. L-**<u>aggravju waħdieni</u>** tal-attriċi għandu x'jaqsam ma' kif l-Ewwel Qorti għarblet il-provi. Hija ssostni li l-Ewwel Qorti ma mxietx tajjeb meta skartat l-affidavit tagħha fuq ir-raġuni li dan ma ġiex imseddaq bi provi oħra. Tisħaq li l-konvenut għażel li jibqa' kontumaċi u lanqas ma ressaq sottomissjonijiet biex iwaqqa' dak li hija ħalfet fl-affidavit tagħha quddiem l-Ewwel Qorti.

9. Iżżid li dak li xehdet dwaru fl-affidavit tagħha seħħ fil-Marokk u li ommha kienet l-unika persuna li setgħet tikkonferma dak li qalet fl-affidavit tagħha, iżda ommha tinsab mejta. Tkompli li hija ntebħet bis-simulazzjoni tal-konvenut meta dan abbandunaha u ħalliha bħal sajjetta fil-bnazzi, hekk dlonk kif huwa rnexxilu jikseb iċ-ċittadinanza Maltija. Minbarra dan, hija tinsisti wkoll li l-konvenut qatt ma fehem u apprezza x'inhuma d-drittijiet u d-dmirijiet fil-ħajja miżżewġa għaliex qatt ma stabbilixxa komunikazzjoni magħha u warrabha hekk kif ħa ċ-

ċittadinanza.

10. L-appellanta ttenni li l-abbandun tal-konvenut hija l-aqwa prova tas-simulazzjoni tal-konvenut u li baqa' magħha biss sakemm ingħata ċ-ċittadinanza. Tagħlaq billi tgħid li l-konvenut użaha biss biex jikseb iċ-ċittadinanza u mbagħad warrabha, «*qisha lumija magħsura immedjatament wara li huwa ottjena dak l-iskop tiegħu.*» Għalhekk hija qiegħda titlob li t-talba għall-annullament taż-żwieġ tagħha mal-konvenut għandha tiġi milqugħa.

11. Mill-banda l-oħra l-konvenut wieġeb għal dan l-appell billi qal: (i) li din il-Qorti m'għandhiex għalfejn titbiegħed mill-apprezzament tal-provi mwettaq mill-Ewwel Qorti; (ii) li l-attriċi naqset milli tipprova kif imiss l-allegazzjoni tagħha li ż-żwieġ kien simulat min-naħa tiegħu; (iii) li l-kontumaċja tiegħu mhijiex ammissjoni tal-kawża iżda kontestazzjoni għaliha; (iv) li r-regola ġenerali hija li ż-żwieġ għandu jitqies bħala wieħed validu sakemm ma jintweriex li hemm raġunijiet gravi u serji biżżejjed li jiġġustifikaw l-annullament tiegħu; (v) li ma ntweriex li kien hemm problemi bejn il-partijiet wara ż-żwieġ, ħlief wara li kien għadda ċertu żmien; (vi) li ma nġabet l-ebda prova li fil-mument tal-kunsens tiegħu għaż-żwieġ huwa kien milqut minn xi difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew li kien ibati minn xi anomalija psikoloġika li kienet ixxekklu milli jaqdi l-obbligi li joħorġu miż-żwieġ; (vii) li huwa kontradittorju

li l-appellanta tixlih li huwa ma kienx matur biżżejjed biex jifhem l-obbligi taż-żwieġ u fl-istess ħin tixlih li huwa kien jaf x'qed jagħmel għaliex qarraq biha biex tiżżewġu ħalli jġib iċ-ċittadinanza Maltija; u (viii) li mhux minnu li huwa qarraq biha biex tiżżewġu għaliex kieku ma kinux jagħmlu s-snin jgħixu flimkien u saħanistra jġibu anke tifel fid-dinja.

12. Din il-Qorti titlaq billi tgħid li ż-żwieġ huwa wieħed mill-kuntratti l-aktar essenzjali għas-soċjetà tagħna u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku għaliex iż-żwieġ huwa wieħed mis-sisien li fuqu hija mibnija u organizzata s-soċjetà tagħna (ara ***Josette Spiteri née Scicluna v. George Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar, 2001). Il-Qorti għalhekk trid tersaq lejh bl-akbar rispett, ukoll jekk hija trid tħares lejh mil-lenti tal-liġi ċivili biss (ara ***Carmel Farrugia v. Pauline Farrugia*** deċiża mill-Qorti Appell Ċivili fit-28 ta' Lulju, 1987).

13. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Anna Tonna v. Alexander Tonna*** deċiża fis-6 ta' Novembru, 1991, fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu, l-istess żwieġ għandu jiġi annullat, però dan m'għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor.

14. Dan jgħodd ukoll fejn il-konvenut ikun kontumaċi għaliex il-kontumaċja mhijiex ammissjoni iżda kontestazzjoni tal-kawża (ara

***Pauline Saliba v. Mark Luke Borg*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019). Fil-fatt ġie mtenni li kawża ta' annullament taż-żwieġ hija ta' natura delikata u anke jekk parti tibqa' kontumaċi jew saħansitra taqbel mal-allegazzjonijiet attriċi, xorta jibqa' dmir tal-Qorti li tisma' ż-żewġ partijiet u tqis bir-reqqa l-provi li jitressqu quddiemha (ara ***Donna Briggs v. Etienne Gatt*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru, 2011). Minħabba f'hekk il-Qorti ma tistax toqgħod biss fuq konfessjoni ġudizzjarja ta' parti waħda iżda hemm bżonn ta' provi konkreti msaħħa b'xhieda u b'ċirkostanzi ċari li juru li ż-żwieġ huwa null (ara ***Gemma Cassar v. Graham Cassar*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru, 2008).

15. Wara kollox huwa prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili li ż-żwieġ għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu u għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti tal-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni li ż-żwieġ huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega (ara ***Joseph Zammit v. Bernardette Zammit*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar, 2006). Kemm hu hekk, intqal li t-tressiq ta' provi skarsi jistgħu jwasslu biss sabiex il-Qorti tiċħad it-talba għall-annullament taż-żwieġ (ara ***Audrey Cassar v. Aaron Schembri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Lulju, 2020).

16. Imħaddem dan kollu għall-każ tagħna, l-appellanti qiegħda

tippretendi li l-Ewwel Qorti kellha tilqa' t-talba tagħha għall-annullament taż-żwieġ billi tistrieħ biss fuq dak li hija qalet fl-affidavit tagħha. Din il-Qorti iżda ma taqbilx ma' din il-fehma tal-appellanti għaliex żwieġ ma jitħassarx bil-kelma biss tal-parti mingħajr l-ebda xrara ta' prova oġġettiva li ssaħħaħha (ara ***George Baldacchino v. Yingchun Duan*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Diċembru, 2010).

17. Hekk pereżempju għalkemm fir-rikors maħluf tagħha, li bih bdiet din il-kawża, l-appellanta stqarret illi l-konvenut abbandunaha hekk kif akkwista ċ-ċittadinanza Maltija u dan fi kliema stess, «*kif sejjer jiġi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża*», madankollu hija ma ressqet l-ebda prova dettaljata għajr għall-affidavit tagħha. Tassew il-Qorti kienet tistenna li hija mqar tħarrek lir-rappreżentant tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Passaporti sabiex jixhed meta l-konvenut applika u ġab iċ-ċittadinanza Maltija. Iżda għad li dan ir-rappreżentant ġie mniżżel fil-lista tax-xhieda mehmuża mar-rikors maħluf tagħha, l-attriċi appellanta għar-raġunijiet tagħha għażlet li ma tħarrkux u b'hekk l-Ewwel Qorti lanqas biss kellha quddiemha l-prova ta' jekk u meta l-konvenut kiseb iċ-ċittadinanza Maltija.

18. Bl-istess mod għalkemm l-appellanta indikat fil-lista tax-xhieda tagħha li hija kienet beħsiebha tressaq familjari, qraba u ħbieb tagħha biex jixhdu fil-kawża, dawn spiċċaw biex ma tħarrkux.

19. Mhux skuża f'din il-qagħda li l-appellanta tgħid fir-rikors tal-appell tagħha li hija ma setgħet tressaq lil ħadd bħala xhieda għaliex l-affarijiet seħħew fil-Marokk u l-unika xhud li kellha, jiġifieri ommha, illum tinsab mejta. Lil hemm mill-fatt li safrattant hija semmiet fir-rikors maħluf tagħha li hija kellha familjari, qraba u ħbieb bħala xhieda, din il-Qorti ssibha iebsa ferm biex temmen lill-appellanta li ma jeżisti l-ebda membru tal-familja, qarib jew ħabib tal-partijiet li jaf dwar il-ħajja konjugali tal-partijiet li seta' jixħet dawl fuq dak li ġara bejniethom. Ma ntweriex fl-affidavit tagħha, li l-attriċi kienet tgħix maqtugħa min-nies u għalkemm iż-żwieġ sar fil-Marokk, ma kien hemm xejn xi jżomm lill-attriċi milli tressaq xhieda li jgħixu barra minn Malta permezz tal-preżenza fiżika tagħhom, permezz ta' ittri rogatorji, permezz ta' *link* għall-konferenzi bil-vidjo live jew permezz ta' affidavit magħmul barra minn Malta skont l-**Artikolu 622A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, ladarba hija għażlet li tiftaħ hawn Malta dawn il-proċeduri tal-annullament taż-żwieġ iċċelebrat fil-Marokk.

20. Li ġara iżda, kif anke jidher mill-kontenut tar-rikors tal-appell tagħha, huwa li ladarba l-konvenut waqa' kontumaċi, allura hija ħasbet li kellha s-sodda mifruxa u ma kellhiex għalfejn toqgħod għalhekk tipprova l-każ tagħha, b'dana li d-dikjarazzjoni waħdanija tagħha mingħajr evidenza ta' xejn kienet biżżejjed biex tannulla ż-żwieġ tagħha.

21. Din il-pożizzjoni li ħadet l-attriċi appellanta però kienet waħda għalkollox żbaljata. Dan għaliex jekk mhuwiex biżżejjed li l-partijiet jaqblu bejniethom li ż-żwieġ tagħhom huwa null sabiex il-Qorti tħassar dak iż-żwieġ minħabba li Qorti ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u ħafif (ara ***Alison Cutajar Grech v. Jeffrey Cutajar*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Diċembru, 2015), aħseb u ara kemm mhuwiex biżżejjed li l-appellanta tippretendi li għandha tikseb l-annullament taż-żwieġ tagħha minħabba li l-konvenut kien kontumaċi, li skont ġurisprudenza paċifika ma ssarrafx f'ammissjoni iżda tfisser kontestazzjoni tal-kawża.

22. Rilevanti f'din il-qagħda li fis-sentenza ***Philip Galea v. Gertrude Galea*** deċiża fil-25 ta' Marzu, 2011, il-Qorti tal-Appell qalet li m'hemm xejn ħażin jew irregolari jekk l-Ewwel Qorti tinsisti li tisma' l-verżjoni tal-konvenut anke jekk dan ikun kontumaċi. Fiha ġie ripetut li min jiżżewweġ ma jistax jippretendi li l-Qorti għandha tħassar kollox fuq dak li tgħid parti waħda biss, peress li kawża ta' annullament taż-żwieġ hija ta' natura delikata u anke jekk parti tibqa' kontumaċi, ikun dmir tal-Qorti li tisma' ż-żewġ partijiet u tqis bir-reqqa l-provi li jitressqu quddiemha.

23. Huwa veru li fil-każ tal-lum l-Ewwel Qorti ma insistietx biex il-

konvenut jitla' jixhed minkejja l-kontumaċja tiegħu. B'danakollu jirriżulta li għalkemm fir-rikors maħluf tagħha l-attriċi appellanta ddikjarat li kienet qiegħda tħarrek lill-konvenut għas-subizzjoni, hija baqgħet ma ħarrkitux u b'hekk hija ġiet li rrinunzjat għall-prova fejjieda li setgħet tressaq biex tipprova l-każ tal-annullament tagħha.

24. Fl-aħħar nett, din il-Qorti lanqas ma tista' toqgħod fuq l-argument tal-appellanta li l-prova tas-simulazzjoni ġiet imwettqa bil-fatt biss tal-abbandun tal-konvenut malli dan kiseb iċ-ċittadinanza Maltija. Ibda biex, fl-atti tal-kawża la hemm prova tad-data meta l-konvenut kiseb iċ-ċittadinanza Maltija u lanqas m'hemm prova tad-data jew żmien ta' meta l-konvenut suppost abbanduna lill-attriċi appellanta biex wieħed jara jekk dawn jaqblux.

25. Sfiq ma' dan, m'hemmx provi ċari u konvinċenti li tassew juru li l-konvenut iżżewweġ lill-attriċi bil-ħsieb li jitlaqha hekk kif jikseb iċ-ċittadinanza Maltija. L-attriċi fiż-żewġ paġni u nofs tal-affidavit tagħha ma pprovdiet l-ebda dettalji dwar kif kienet il-ħajja miżżewġa tagħhom. Meta wieħed imbagħad iqis li l-partijiet kellhom tifel miż-żwieġ tagħhom, din il-Qorti ma tistax anke fuq bilanċ ta' probabbiltà teskludi li l-kunsens tal-konvenut fil-mument taż-żwieġ tiegħu seta' kien tabilħaqq wieħed ġenwin biex jibni familja mal-attriċi appellanta u mhux biex jinqeda biha bħal lumija magħsura, kif tgħid fl-appell tagħha.

26. Il-piż tal-prova li l-konvenut qarraq biha u żżewwiġha biss biex jikseb iċ-ċittadinanza Maltija kien jaqa' fuqha u din il-prova ma tistax tiġi sodisfatta bid-dikjarazzjoni suġġettiva tal-appellanta dwar x'taħseb li kellu f'moħħu l-konvenut, mingħajr ebda prova oġġettiva li ssostniha u tikkonfermaha. L-appellanta kellha tagħmel aktar sforz biex tipprova l-allegazzjoni tagħha tas-simulazzjoni tal-konvenut. Il-prova konsistenti minn affidavit biss tagħha, żgur illi ma tistax titqies bħala prova suffiċjenti li tipprova l-allegazzjoni tagħha tas-simulazzjoni tal-konvenut. Qalet sew għalhekk l-Ewwel Qorti li l-appellanta ma ppruvatx il-kawżali tas-simulazzjoni.

27. Bħalma qalet sew ukoll l-Ewwel Qorti li l-appellanta lanqas ma ppruvat l-allegazzjoni l-oħra tagħha li l-konvenut ma kienx matur biżżejjed meta żżewwiġha minħabba li l-kunsens tiegħu kien milqut b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha. Anke dwar din l-allegazzjoni, l-appellanta ma ressqet l-ebda ħjiel ta' prova biex tissostanzjaha.

28. Tajjeb li jingħad li l-kawżali ta' nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju ma tfissirx sempliċement injoranza dwar xi aspetti tal-ħajja miżżewġa, iżda tfisser li l-parti tkun nieqsa b'mod sostanzjali u b'mod gravi, minn dik il-fakultà kritiko-estimativa dwar l-oġġett tal-kunsens taż-żwieġ, jiġifieri

dwar id-drittijiet u d-doveri essenzjali tal-ħajja miżżewġa (ara ***Mariano sive Mario Borg ka Borg D'Anastasi v. Carlo Borg*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju, 2008).

29. Persuna li għandha l-età li tiżżewweġ hija preżunta li għandha l-kapaċitajiet kollha meħtieġa u d-diskrezzjoni neċessarja biex tidħol fi żwieġ validu (ara ***Gabriella Grima v. Abdul Aziz Zidan*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ġunju, 2011). Għalhekk jaqa' fuq il-parti li trid tannulla ż-żwieġ fuq din il-kawżali li tipprova li kien hemm nieqsa din id-diskrezzjoni ta' ġudizzju.

30. F'dan il-każ, l-appellanta ma ressqet l-ebda prova li turi li l-konvenut kien ibati minn xi immaturità hekk kbira li kienet iżżommu milli jifhem id-dmirijiet tiegħu bħala raġel miżżewweġ. Fl-atti tal-kawża m'hemm xejn x'jindika li l-konvenut ma kellux il-maturità intelletwali biex jifhem l-implikazzjonijiet tal-pass li kien qed jagħmel meta żżewweġ lill-attriċi ġewwa l-Marokk.

31. Jiġi b'hekk li din il-Qorti qiegħda taqbel mal-Ewwel Qorti li l-attriċi ma seħħilhiex tipprova l-każ tagħha biex tannulla ż-żwieġ tagħha minn mal-konvenut u għalhekk l-aggravju tagħha qiegħed jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-attriċi u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da